L-Ewwel (1) ta' Gunju, elf disa' mija tlieta u tmenin (1983).

Quddiemi Nutar Dottor Michael Refalo qed jidhru personalment:

Ursola armla ta' Paulu Camilleri, bint il-mejtin Giovanni Vella u Maria nee' Caruana, imwielda u toqghod Nadur, Gozo.

Carmela Grima, bidwi, bin il-mejjet Lawrence, imwieled u joqghod Nadur li qed jidher fuq dana fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju generali ta' ommu Rachèle armla ta' Lawrence Grima, bint il-mejtin John Vella u Maria nee' Caruana, imwielda u toqghod Nadur, Gozo kif kostitwit bil-prokura hawn annessa u markata "B".

Giovanna mart Francis Muscat, bint il-mejjet Francesco, imwielda u toqghod Nadur, Gozo li qed tidher fuq dana l-att fil-kwalita' tagh-ha ta' mandatarja generali ta' ommha Maria Assunta armla ta' Francesco Farrugia, bint il-mejtin John Vella u Maria nee' Caruana, imwielda u toqghod Nadur kif kostitwita bil-prokura hawna annessa u markata "C".

Maria Zerafa, bint xebba tal-mejtin Angelo Zerafa u Carmela nee' Vella, imwielda u toqghod Nadur, Gozo li qed tidher fuq dana l-att f'isimha propju kif ukoll f'isem u ghan-nom ta' hutha r-Reverendu Peter, ir-Reverendu Paulu, r-Reverendu Piju, Stella xebba, Gemma xebba, Maria Concetta mart Nazzareno Buttigieg, Josephine mart Joseph Sammut u Joseph headmaster, ahwa Zerafa, imwieldin u joqghodu kollha Nadur, Gozo - kif debitament awtorizzata bil-prokura hawn annessa u markata "D".

L-istess Maria Zerafa qed tidher ukoll fuq dana l-att fil-kwalita' taghha ta' mandatarja ta' Margaret mart Andy Anderson, Mary mart Mark Constantive, Evelyn mart Vito Ciaravino, Joyce mart Steven Stamper, Grace xebba u Angelina xebba, ahwa Sammut, ulied Anthony Sammut u l-mejta

ANTHONY HILI LL.D.
Notary Public and Commissioner for Oaths
MALTA

Rita nee' Zerafa, imwieldin kollha Detroit, Michigan Canada barra Mary Constantive li twieldet Toronto Ontario, Canada u joqghodu kollha Michigan, Canada barra Margaret Anderson li toqghod Fort North, Texas Stati Uniti tal-America - u l-istess ahwa Sammut f'isimhom propju kif ukoll f'isem u bil-promessa "de rata" ghall huthom minuri Elizabeth xebba u John ahwa Sammut, imwieldin u joqghodu Michigan Canada - u kif debitament kostitiwiti in forza ta' zewg prokuri rispettivament tas-seba' u ghoxrin (27) tu'ta' tlietin (30) ta' [illegible], elf disa' mija tnejn u tmenin (1982), fil-konservazzjoni tal-istess Maria Zerafa.

L-istess komparenti huma identifikati b'karti tal-Identita' numru 37111 (G); 94844 (G), 79238 (G) u 19520 (G).

Jiddikjara u jippremmettu:

illi Paula Vella xebba, bint il-mejtin John Vella u Maria nee' Caruana, mietet fit-tletin (30) ta' Marzu elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) u bil-testment taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tal-hdax (11) ta' Frar, elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) halliet lill komparenti jew l-awturi taghhom diversi legati;

illi ghalhekk l-istess partijiet qed jaddivjenu ghall dana l-att sabiex permezz tieghu jimettu lill xulxin fil-pussess tal-imsemmija legati u fl'istess waqt jiddividu xi propertajiet lilhom imhalliha "pro indiviso" bejniethom.

(A) Il-komparenti kollha propio et nomine barra l-komparenti Ursola Camilleri qed jimmettu lill istess Ursola Camilleri fil-pussess tal-porzjon diviza mill-art imsejha "Taz-Zebbuga" fi Triq San Blas, Nadur liema porzjon diviza hija tal-kejl ta' circa hames mija u tlieta u ghoxrin metri kwadri (523sq.m.) u konfinanti mill-punent mat-triq, lvant in parti mar-rimanenti parti tal-istess art u in parti ma' beni ta' nies maghrufa "Tan-Nisggiehi" u tarmuntana ma' beni ta' Carmela Portelli.

Kontestwalment il-komparenti Carmelo,Grima, Giovanna Muscat u Maria Zerafa propio

DI. ANTHONY HILI LL.D. Notary Public and Commissioner for Oaths MALTA